MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 27/2004

**Joseph Agius**

**vs**

**Raymond Tabone f'ismu personali u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tabone Jewellers Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta' elfejn, hames mija, tmienja u sittin Liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu,

(LM2,568.24,0), rapprezentanti prezz ta’ fidda mibjugha u kkonsenjata mill-attur, u dan flimkien ma’ l-imghax dekorribbli mis-27 ta’ Gunju tas-sena 2001, sad-data tal-pagament effettiv;

2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-konvenut pro et nomine li qed jigi ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-3 ta’ Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut proprio et nomine eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ hames snin ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni Raymond Tabone proprio mhux il-legittimu kontradittur stante li qatt ma nnegozja mal-attur fi kwalita’ personali. Il-kumpanija Tabone Jewellers Limited giet kostitwita fl-1994 propju biex tiggestixxi dan it-tip ta’ negozju;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet l-attur kien ha merkanzija lura f’valur ta’ ‘l fuq minn elf Lira, (LM1,000.00,0), u ghalhekk is-somma mitluba ghandha tigi ridotta;

4. Illi ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 13 l-attur ghandu jesebixxi l-kotba tal-kummerc tieghu li jivverifikaw il-kreditu pretiz;

Rat il-verbal datat l-4 ta’ Mejju tas-sena 2004 fejn in vista ta’ l-ewwel eccezzjoni gie ordnat il-kapovolgiment tal-provi

u dan, limitatament ghal dan l-iskop kif cirkoskritt mill-ewwel eccezzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ulterjuri tal-konvenut proprio et nomine u l-verbal relattiv, datati s-6 ta' Lulju tas-sena 2004 li permezz taghhom ceda l-ewwel eccezzjoni tieghu u ssosstititwiha b'dik rigwardanti l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16;

Rat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datata s-26 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghhom ddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghall-provi rigward l-eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi pprezentati jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur jinnegozja l-fidda billi jimportaha u jbieghha fil-hwienet specjalizzati;

2. Illi l-attur u l-konvenut kienu ilhom f'relazzjoni kummercjali bejniethom u l-ftehim li kienu jimxu bih kien jikkonsisti fl-attur ibieghlu konsenja u l-konvenut ihallas ratealment, generalment bir-rata ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), fix-xahar, (ara fol 13);

3. Illi l-istess attur jindika fix-xhieda guramentata tieghu li n-negozju in kwistjoni sehh fil-perjodu madwar l-1998, (ara fol 14);

4. Illi l-attur isostni li meta kien javvicina lill-konvenut ghas-saldu, dan ta' l-ahhar kien jiehu pacenzja, (ara fol 14);

5. Illi l-istess attur isostni li l-konvenut kien offrielu s-somma ta' madwar mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellu, izda rrifjuta;

6. Illi l-attur isostni wkoll li f'zewg okkazzjonijiet kien ghamel fotokopji ta' l-ircevuti dovuti mill-konvenut izda dawn ma gewx akkolti mill-konvenut;

7. Illi l-attur isostni li l-ahhar pagament sar fis-27 t'Ottubru tas-sena 2001;

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni sostituttiva sollevata mill-konvenut tirreferi testwalment ghas-segwenti:

"*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(f) l-azzjonijiet ta' kull persuna, ghall-kera ta' hwejjeg mobbli";*

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-perjodu indikat mill-istess konvenut hu wiehed determinat ta' tmintax-il xahar pero' l-konvenut

naqas li jipprovdi provi rigward l-allegazzjoni minnu vantata;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante dan l-attur naqas li jipproduci l-prova li permezz taghha hu kiser il-preskrizzjoni stante li naqas li jipproduci att gudizzjarju pprezentat f'ismu li minnu jidher bic-car li kien bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu, (ara artikolu 2128 tal-Kap 16);

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut proprio et nomine u tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta, bl-ispejjez.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------